A.L. 91 ta' l-2006

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor in Conservation and Restoration Studies (Honours) – B.Cons. (Hons) – taħt il-patroċinju ta' l-Institute of Conservation and Management of Cultural Heritage

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni ta' l-Institute of Conservation and Management of Cultural Heritage bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor in Conservation and Recstoration Studies (Honours) – B.Cons (Hons) – taħt il-patroċinju ta' l-Institute of Conservation and Management of Cultural Heritage.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor -

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji għall-Kors maħtur mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni ta' l-Istitut;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor in Conservaation and Restoration Studies (Honours) – B.Cons (Hons);

"l-Istitut" tfisser l-Institute of Conservation and Management of Cultural Heritage;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għall-grad ta' Bachelor in Conservation and Restoration Studies (Honours) – B.Cons (Hons); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2004 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Skond il-provvedimenti ta' dawn l-ordinamenti, l-oqsma ta' studju normalment offruti fil-Kors huma dawn li ġejjin:

Qasam ta' Studju A - Paintings and Polychrome Sculpture
Qasam ta' Studju B - Ċeramika, Ħġieġ, Metall u Ġebel
Qasam ta' Studju Ċ - Tessuti
Qasam ta' Studju D - Kotba u Karta.

4. L-applikanti huma meħtieġa jagħżlu qasam wieħed ta' studju.

5. Il-Bord ta' l-Istudji għandu jirrakkomanda lis-Senat il-qasam/l-oqsma ta' studju offruti kull sena u l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għal kull qasam ta' studju, skond ir-riżorsi disponibbli. L-għadd ta' postijiet disponibbli jkun imħabbar meta joħorġu l-applikazzjonijiet. L-oqsma ta' studju jkunu offruti jekk ikun hemm għadd biżżejjed ta' applikanti kkwalifikati.

6. Jekk ikun hemm aktar applikanti eligibbli mill-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jkunu magħżula skond il-livell li laħqu fl-Eżami għad-Dħul.

Id-Dħul u r-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors

7. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors l-applikanti għandhom, barra milli jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikollhom dawn ir-rekwiżiti speċjali għall-kors:

(a) sa Ottubru 2006, ikunu għaddew fil-Livell Avvanzat fil-Kimika bi grad D jew aħjar; minn Ottubru 2007, ikunu għaddew fil-Livell Intermedju fil-Kimika bi grad C jew aħjar; u

(b) ikunu għaddew fl-Eżami għad-Dħul organizzat mill-Istitut, li għandu jkun imfassal biex jeżamina l-kapaċita' manwali u jittestja d-dispożizzjoni akkademika, u, partikolarment, il-kapaċita' tagħhom li jsegwu b'suċċess il-qasam ta' studju li għażlu.

(2) L-applikanti li għaddew fil-Livell Avvanzat fil-Kimika bi grad E jew, minn Ottubru 2007, għaddew fil-Livell Intermedju fil-Kimika bi grad D, jidħlu

taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord ta' l-Istudji jista' jimponi biex jagħmel tajjeb għall-kwalifiki nieqsa. Jekk, sa l-aħħar ta' l-ewwel sena, dawn l-istudenti ma jtemmux b'suċċess ir-rekwiżiti kollha biex jitilgħu regolarment għat-tieni sena tal-Kors, huma ma kunux la intitolati biex jirrepetu s-sena u lanqas biex jitilgħu kondizzjonalment kif normalment permess mir-Regolamenti Prinċipali.

L-Eżami għad-Dħul

8. L-applikanti kollha huma meħtieġa joqogħdu għall-Eżami għad-Dħul li jsir kull sena jew fid-dati determinati mill-Bord ta' l-Istudji.

9. L-Eżami għad-Dħul għandu normalment jikkonsisti minn test ta' *line drawing,* u test tal-kapaċita' manwali u test tad-dispożizzjoni akkademika li jikkonsistu minn eżamijiet bil-miktub u orali. Sabiex jgħaddu, l-applikanti huma mistennija jgħaddu mill-komponenti kollha ta' l-Eżami għad-Dħul, li jingħatalhom l-istess piż. Il-mistoqsijiet isiru u għandhom jitwieġbu bl-Ingliż.

10. Il-karti ta' l-Eżami għad-Dħul għandhom isiru minn eżaminaturi maħtura mill-Bord ta' l-Istudji.

It-Tul tal-Kors

11. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' erba' snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programm tal-Kors

12. Il-Kors jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 240 kredtu, inklużi 20 kredtu assenjati għal dissertazzjoni.

13. Il-Bord ta' l-Istudji għandu jippubblika l-programm ta' studju, imfassal skond il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali, u approvat mis-Senat. Suġġett għall-tibdiliet li l-Bord ta' l-Istudji, bl-approvazzjoni tas-Senat, jista' ikun kostrett jagħmel, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kredti kif indikat fil-programm ta' studju li qed isegwu għall-Grad.

Id-Dissertazzjoni

14. Fir-Raba' Sena tal-Kors, l-istudenti huma meħtieġa jissottomettu dissertazzjoni, li għandha tinkludi parti prattika, ta' bejn l-10,000 u t-12,000 kelma dwar suġġett approvat mill-Bord ta' l-Istudji.

Il-Progress u l-Valutazzjoni

15. Ma jkunx hemm valutazzjoni supplimentari għat-taqsimiet studju prattiċi. L-istudenti li jeħlu fit-taqsimiet studju prattiċi jkunu meħtieġa jerġgħu jagħmluhom f'sena żejda ta' studji skond ir-Regolamenti Prinċipali.

16. Fit-Tieni u fit-Tielet Sena l-istudenti huma meħtieġa jagħmlu taħriġ fil-post fil-qasam ta' studju tagħhom matul Lulju u Settembru. Għaxar kredti jingħataw għal kull sessjoni ta' taħriġ fuq il-post.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

17. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fl-erba' snin tal-Kors, li jingħataw piż kif ġej:

It-taqsimiet studju ta' l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Sena	20% kull sena
It-taqsimiet studju tar-Raba' Sena, inkluża d-dissertazzjoni	40%.